# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum il-15 ta' Dicembru, 2016.**

**Rikors Numru 664/2016**

**Fl-atti tal-Mandat ta' Sekwestru**
**bin-numru 1642/14**
**fl-ismijiet:**

**L-Universita` ta' Malta**

**vs.**

**Joseph Micallef (602460 M) u**
**Catherine Micallef (127862 M)**
**bhala proprjetarji ta' JM Operations**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors datat it-8 t'Awwissu, 2016, li permezz tieghu r-rikorrenti fuq indikati sintetikament esponew is-segwenti: (ara foll 1)

1.1. Illi l-procedura odjerna tirrigwarda talba ghar-revoka ta' mandat tas-sekwestru kawtelatorju fuq indikat, a tenur tal-artiklu 836 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

1.2. Illi din it-talba qed issir ghas-segwenti ragunijiet:

1.2.1. Illi minn barra l-mandat kawtelatorju in dizamina l-Universita` *de quo* otteniet ukoll mandat t'inibizzjoni u iehor ta' qbid;

1.2.2. Illi permezz tal-istess l-Universita` kkawtelat il-pretensjonijiet taghha billi qabdet zewg (2) proprjetajiet komplessivament valutati fl-ammont ta' seba' mija u hamsin elf euro, (€750,000.00);

1.2.3. Illi dan l-ammont komplessiv jeccedi s-sorte pretiza mill-Universita` fil-konfront tal-intimati;

1.2.4. Illi fuq istigazzjoni tal-qorti biex il-partijiet jilhqu ftehim, inhatar arbitru fejn il-partijiet waslu vicin ftehim fuq figura aktar baxxa minn dik originarjament pretiza;

1.2.5. Illi minhabba zviluppi li sehhew fi hdan l-universita` il-ftehim gie sospiz;

1.2.6. Illi minkejja dan, il-mandati kawtelatorji fuq riferiti ghadhom jincidu negattivament fuq ir-rikorrenti odjerni;

1.2.7. Illi *di piu`*, rizultat tal-istess, ir-rikorrenti odjerni lanqas jistghu jahdmu, u ghalhekk qed isofru danni ingenti;

1.3. Illi konsegwentement, aderew din il-qorti biex l-Universita` hawn intimata tghid ghaliex din il-qorti m'ghandiex:

1.3.1. Tirrevoka l-mandat kawtelatorju ***Numru 1642/14*** fl-ismijiet ***Universita` ta' Malta vs. Joseph Micallef u Catherine Micallef bhala proprjetarji ta' JM Operations*** *a tenur* tal-artiklu 836(1), tal-Kap 12 fuq riferit u dan *stante*:

1.3.1.i. Illi l-pretensjonijiet tal-Universita` huma protetti kemm bil-mandat t'inibizzjoni u bil-mandat ta' qbid numru 1540/14;

1.3.1.ii. Illi l-ammont mitlub mhux gustifikat *stante* li eccessiv;

1.3.1.iii. Illi b'hekk ir-rikorrenti jkunu jistghu joperaw in-negozju taghhom;

1.3.1.iv. Illi ghalhekk, ma jkomplux ukoll isofru danni aktar;

1.3.2. Bl-ispejjez kontra l-Universita` intimata;

2. Rat id-digriet tagha datat iz-17 t'Awwissu, 2016, li permezz tieghu appuntat l-istess ghas-smigh fl-udjenza hemm indikata, (ara foll 4);

3. Rat in-notifika tar-rikors promotur u tad-digriet ghas-smigh tal-kawza tal-Universita` intimata datat it-22 t'Awwissu, 2016, (ara foll 6);

4. Tirrileva li l-Universita` intimata baqghet fi stat ta' kontumacja;

5. Semghet lix-xhud prodott;

6. Tirrileva li ghalkemm fl-udjenza tat-22 ta' Novembru, 2016, il-kaz gie differit ghas-sentenza ghall-udjenza tal-15 ta' Dicembru, 2016, l-istess universita` hawn intimata nghatat sas-6 ta' Dicembru, 2016, biex tipprezenta s-sottomissjonijiet taghha biex tattakka l-procedimenti maghmula mir-rikorrenti permezz ta' nota fit-termini tal-artiklu 170(1) tal-Kap 12 fuq riferit;

Ikkunsidrat:

7. Illi r-rikorrenti Joseph Micallef rega' bil-gurament tieghu ikkonferma mill-gdid il-lanjanza tieghu fuq riferita;

8. Tirrileva li l-perjodu moghti lill-Universita` hawn intimata ghan-nota ta' sottomissjonijiet fuq riferita, (ara paragrafu numru sitta, (6.), aktar qabel), ghadda inutilment;

Ikkunsidrat:

9.0. Illi ghaldaqstant ir-rikorrenti ppruvaw il-kaz taghhom skont il-ligi, u konsegwentement:

**DECIDE:**

9.1. Takkolji t-talbiet tar-rikorrenti odjerni;

9.2. Tirrevoka *contrario imperio* l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju Numru 1642/14 fl-ismijiet fuq indikati;

9.3. Bl-ispejjez ta' din il-procedura kontra l-Universita` hawn intimata.

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**